



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' Frar 2011
(OR. en)**

5469/11

**ACP 7
PTOM 2
FIN 23**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar EDF) għas-sena finanzjarja 2009

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar EDF) għas-sena finanzjarja 2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹, emendat bil-Ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005²,

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

² ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna Komunitarja taħt il-qafas finanzjarju multi-annwali għall-perijodu 2008 sa 2013 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni tal-assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika l-Paerti Erbgħa tat-Trattat KE¹ ("il-Ftehim Intern") li jistabbilixxi, fost oħrajn, l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar EDF), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp², u b'mod partikolari l-Artikoli 142 sa 144 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tal-għaxar EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2009 u r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF)³, dwar is-sena finanzjarja 2009, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jinsabu f'dak ir-Rapport Annwali,

¹ ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

² ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.

³ ĠU C 303, 9.11.2010, p. 243.

Billi

- (1) Skont l-Artikolu 11(8) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tal-għaxar EDF trid tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
- (2) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tal-għaxar EDF matul is-sena finanzjarja 2009 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-għaxar EDF għas-sena finanzjarja 2009.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
